MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 237/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**M'Grace Magro**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra M'Grace Magro talli fl-Msida, u/jew f'xi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, nhar it-22 ta Settembru 2005 ghall-habta ta' l-10.30 p.m. f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Gunju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija M'Grace Magro hatja ta' l-imputazzjoni dedotti kontra taghha u, wara li rat

l-artikolu 7(2) tal-Kap. 63, ikkundannatha ghal prigunerija ta’ xahar;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmija M’Grace Magro pprezentat fil-5 ta’ Lulju 2006 li permezz taghha talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjaraha mhux hatja u tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena skond il-Ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xiehda ta’ W.P.C. 25 Charlene Camilleri mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) il-prosekuzzjoni naqset li tipprova fil-grad rikjest mil-ligi l-imputazzjoni dedotta kontra taghha peress illi ma giex ippruvat la t-tlajjar u lanqas li kienet qed thajjar lil terzi ghal xi skop ta’ prostituzzjoni jew skop immorali; (2) il-prosekuzzjoni ppruvat biss li hija kienet fuq bankina f’post pubbliku, li l-ufficjal kellmitha biex timxi minn hemm u li hija hekk ghamlet – kienet liebsa dublett u top bhall-maggor parti tan-nisa u ma jirrizultax li saritilha xi tfittxija ghal xi haga konnessa mas-sess; (3) quddiem l-ewwel Qorti ma kinitx assistita u wara x-xiehda ta’ l-uniku ufficjal, il-Qorti saqsietha x’kellha xi tghid u hi qalet li kienet hemm biex tara habibitha u l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza; (4) il-hin li gara l-incident ma kienx xi wiehed insolitu; (5) ghal skopijiet ta’ piena, tghid li hija *single mother* u ghandha tlett itfal ta’ 13,12 u 6 snin.

L-aggravji ta’ l-appellanti jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi li effettivament huma limitati ghax-xiehda ta’ W.P.C. 25 Charlene Camilleri.

**W.P.C. 25 Charlene Camilleri** xehdet illi l-Hamis 22 ta’ Settembru 2005 kienet patrol flimkien ma’ kollegi taghha gewwa l-Gzira ghal prostituzzjoni. F’Sir Ugo Mifsud Street kantuniera ma’ Testaferrata Street ghall-habta ta’ l-10. 30

p.m. kien hemm l-appellanti wahedha. Fuq domandi tal-Qorti, ix-xhud ma ftakritx x'kienet liebsa izda marru fuqha minhabba t-triq ghal x'hiex hija maghrufa u lill-appellanti gieli rawha granet ohra u waqfu jkellmuha. Kienu jghidulha biex ma joqoghdux hemmhekk. Fil-gurnata in kwistjoni qalu lill-appellanti biex ma toqoghdx hemm u li ser ikollhom johorgulha c-charges ghall-Qorti. Mistoqsija jekk qaltilhomx xi haga, ix-xhud wiegbet li hi "mxiet, telqet". Qaltilhom li ser tmur u telqet. Kien hemm nies ohra fl-istess area li waqfu jkellmuhom ukoll. Il-Pulizija kienu bil-karrozza u lill-appellanti kellmuha minn gol-karrozza.

Issa, kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Vella** tat-30 ta' Mejju 2004: "Biex tirnexxi prosekuzzjoni taht l-artikolu 7(2) tal-Kap. 63 irid jigi ppruvat, fil-grad rikjest mil-ligi ghal procedimenti penali, li l-persuna akkuzata tkun, fi triq f'post pubbliku jew espost ghall-pubbliku, tlajjat (*'loitered'*) jew ghamlet biex thajjar (*'solicited'*) ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali ohra. Tali prova tista' ssir permezz, u tista' tirrizulta minn, diversi cirkustanzi, mehuda wahedhom jew flimkien, bhal, per ezempju, diskors li intqal, pozi li jittiehdu, ilbies li jintlibes, kemm persuna ddum f'post partikolari u lil min tavvicina, u hafna cirkustanzi ohra."

Fil-kaz in ezami, ghalkemm l-appellanti tghid fir-rikors ta' appell taghha illi quddiem l-ewwel Qorti qalet li kienet hemm biex tara habibitha, mill-verbal tas-27 ta' Gunju 2006 jirrizulta li wara li xehdet l-imsemmija W.P.C. 25 quddiem l-ewwel Qorti, l-appellanti (allura imputata) iddikjarat "illi ma tridx tixhed peress illi ddikjarat li ma tiftakarx x'gara dakinhar". Imbaghad fix-xiehda taghha W.P.C. 25 Charlene Camilleri ma tghidx illi l-appellanti offriet xi spjegazzjoni ghaliex kienet wieqfa fejn kienet izda li meta qalulha biex ma toqghodx hemm hija qaltilhom biss li sejra u fil-fatt telqet. Inoltre mix-xiehda taghha johrog car x'wassal biex il-Pulizija jghidu lill-appellanti ma toqghodx fejn kienet wieqfa – il-fatt li kienu qeghdin jaghmlu patrol minhabba l-problema ta' prostituzzjoni, ir-reputazzjoni tal-post fejn kienet tinsab l-appellanti u l-fatt illi kien hemm okkazjonijiet ohra fejn kienu avvicinaw lill-appellanti fl-istess inhawi u qalulha biex ma toqghodx

hemm. Ma’ dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tirreferi wkoll ghall-fatt illi mill-fedina penali ta’ l-appellanti jidher illi hija giet misjuba hatja permezz ta’ tliet sentenzi separati dwar ksur ta’ l-istess provvediment tal-ligi.

Biex tirrizulta htija skond l-artikolu 7(2) tal-Kap. 63 huwa bizzejjed illi jigi ppruvat illi persuna tkun tlajjat ghal skop ta’ prostituzzjoni. Ic-cirkostanzi fuq imsemmija kollha jwasslu ghall-konvinciment morali ta’ din il-Qorti illi l-appellanti kienet fil-post imsemmi ghal dak l-iskop.

Kwantu ghall-piena, wara li din il-Qorti hasbet fit-tul dwar is-sottomissjonijiet li saru fir-rigward, hija tal-fehma illi jkun ta’ deterrent akbar jekk il-piena ta’ prigunerija imposta mill-ewwel Qorti tigi sospiza ghal perijodu twil sabiex jekk verament l-appellanti ma tridx tispicca l-habs allura jkun fl-interess taghha illi tosserva l-ligijiet ta’ pajjizna.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu l-htija, riferibbilment ghal dak li hu “tlajjar” biss, tirrevokaha in kwantu giet ikkundannata ghal xahar prigunerija b’mod effettiv u minflok tikkundannaha ghal xahar prigunerija liema sentenza m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ sentrejn millum hija tikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Din il-Qorti spjegat lill-appellanti bi kliem car ir-responsabbilita` taghha taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk hija tikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija. Inoltre tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta’ l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------